SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 18/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/05/'09** **247**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/05/'09** **301**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Mejju 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: ħames membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Assenti: Il-Kunsilliera Karl Gouder u Richard Scicluna.

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-28 ta' Mejju 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Attivitajiet: Mediterranean Fest
   Jum San Ġiljan
4. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni tal-Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 17/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/09.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 17/K6/09 (tkomplija) għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/09 (tkomplija).

1.3.07 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat mic-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1812&2185 | Memo 26/2009 u ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Kuntratt ġdid dwar Ġbir ta' Skart Organiku. |
| 1960 | Ittra mingħand il-Banda San Ġiljan rigward il-Kunċert Annwali. |
| 1961 | Ittra mingħand il-European Union Programmes Agency rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill *National Youth Initiative – Starry Waters*. |
| 2024 | Ittra mingħand ir-residenti ta' Sqaq il-Lunzjata rigward grada ta' sigurta'. |

2106 Ittra mingħand Fr. Claude Portelli sabiex jiltaqa' mal-Kunsill.

2229 Development Permit Fees li saru lill-MEPA fir-rigward Memo 24/2009 – Skema dwar Aċċessibilita' aħjar fil-lokalita' – Il-Bajja tal-Balluta.

2230 Development Permit Fees li saru lill-MEPA fir-rigward Memo 24/2009 – Skema dwar Aċċessibilita' aħjar fil-lokalita' – Quay near Cavalieri Hotel.

2306&2345 Emails mingħand l-MP&DC, d-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Development Permit Fees li saru lill-MEPA rigward Proposal for a Green Urban Public Transport Terminus in Balluta Square (Demolition of existing toilets).

2311 Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward it-Tournament Annwali tal-Waterpolo u nstallazzjoni ta' xibka fil-baħar.

2332&2358&K404 Ittri mingħand AICCRE u l-MP&DC rispettivament rigward il-Move Together call for Tender u kopja ta' l-applikazzjoni tal-Kunsill.

2365 Ittra mingħand l-MP&DC rigward Fees għal CPPS jew EU Funds

2367 Ittra mingħand l-Għaqda Piroteknika San Ġiljan rigward il-football tournament li sar fil-pitch 5 a-side ta' Ta' Ġiorni.

**Fost l-ittri li nqraw gew diskussi:-**

Rif. Nru. 1812 & 2185

2.02 Saret riferenza għall-Memo 26/2009 rigward il-kuntratt ġdid dwar Ġbir ta' Skart Organiku. Inġibdet l-attenzjoni li:-

- dan d-dokument kien qed jingħata sabiex il-Kunsill jilħaq jarah qabel tinħareg sejħa għall-offerti.
- Il-Kunsill ġie nfurmat verbalment mid-Direttur għall-Gvern Lokali illi dan it-tender m'għandux jinħareg għalissa sakemm jingħata direttivi ohra.

Rif. Nru. 1960

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Banda San Ġiljan rigward il-Kunċert Annwali ġie deċiż unanimament illi dan isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u jingħataw l-ammont ta' €233 biex ikopru parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 1961

2.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-European Union Programes Agency rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi ta' l-EU għall-National Youth Initiative – Starry Waters fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi din l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata minħabba li kien hemm firma nieqsa. Izda hemm closing date oħra li hija 1 ta' Ġunju 2009. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello jieħu r-responsabbilta biex terġa ssir applikazzjoni oħra.

Rif. Nru. 2024

2.05 B'riferenza għat-talba li saret mir-residenti ta' Sqaq il-Lunzjata ġie deċiż unanimament illi jigu nfurmati li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li titwaħħal grada għas-sigurta' dment li din issir għall-ispejjeż tagħhom u li jinħargu l-permessi kollha meħtiega.

Rif. Nru. 2106

2.06 B'riferenza ghat-talba ta' Fr. Claude Portelli biex jiltaqa' mal-Kunsill bħala l-Kappillan il-ġdid, ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Issir appuntament miegħu u jigu nfurmati l-Kunsilliera kollha.

- ✓ Waqt il-laqgħa jiġi nfurmat illi l-attivitajiet kollha li jsiru matul is-sena jibqgħu jsiru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Jekk ma jsibx oġġezzjoni għal dan jiġi ppreżentat b'ċekk ta' €1165 biex ikopru parti mill-ispejjeż ta' l-attivitajiet kollha li jsiru matul is-sena.

- ✓ Jingħata arloġġ bil-logo tal-Kunsill bħala tifkira;

Rif. Nru. 2311

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ bħala kontribuzzjoni lejn il-komunita' Ġiljaniza, l-Kunsill jisponsorja x-xibka, għall-ammont ta' €1500. Dment li r-residenti kollha ta' San Ġiljan ikollhom id-dritt li jgħumu fil-pixxina tal-klabb. Din ser issir biex tipproteġi l-għawiema mill-bram;

- ✓ Il-Kunsillier Edgar Montanaro għandu jagħmel kuntatt mal-President tal-Klabb u jieħu ħsieb li jġib Press Release.

Rif. Nru. 2332

2.08 B'riferenza għal applikazzjoni li saret għall-fondi mill-Unjoni Ewropea biex tittella Move Together Poster Exhibition, iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni illi l-Kunsill ser jingħata l-fondi u għalhekk ser isir meeting ġewwa Vienna bejn it-8 u d-9 ta' Ġunju 2009.

2.09 Iċ-Chairman issuġġerixxa li s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Perit Stephen Farrugia jattendu għal dan il-meeting.

2.10 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

Rif. Nru 2367

2.11 L-Għaqda Piroteknika San Ġiljan bagħtet ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill għas-sapport kontinwu li ngħata biex ittella' b'suċċess it-Tournament tal-futbal li sar fit-23 ta' Mejju 2009 fil-grawnd ta' Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill iħallas id-differenza ta' €99 bejn l-ammont deċiż fil-laqgħa nru. Minuti 17/K6/09 (tkomplija) taqsima 2 paragrafu 2.06 u l-kontijiet li rċieva ma' l-inc.2367/09.

**3 Attivitajiet – Mediterranean Fest**
**Jum San Ġiljan**

3.01 **Mediterranean Fest:-** Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li ltaqa' ma' rappreżentanti tal-kumpanija Marsovin biex jara x'offerti għandhom. Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' ittra mingħand is-Sur Robert Gatt, Wines Sales Development Manager tal-Marsovin (Ara Appendiċi 'A' inc.2310/09).

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- S-Sindku javviċina lill-Onorevoli George Pullicino u l-Onorevoli Dr. Mario De Marco biex jistaqsihom jekk humiex interessati li jikkolaboraw mal-Kunsill biex tittella' l-attivita' Mediterranean Fest;

- Jinħatar sotto-kumitat magħmul mis-Sindku Peter Bonello, u l-Kunsillera Norman Vella, Edgar Montanaro, Irene Borg u Ronald Agius. Dan ser jiltaqa' nhar il-Ġimgha 12 ta' Ġunju 2009 fil-5.00 pm sabiex jigu diskussi aktar fid-dettal l-attivitajiet **Mediterranean Fest** u **Jum San Ġiljan**.

**4. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

4.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

4.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2642 sa 2660 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2642 sa 2660.

5.03 l-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

5.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 6 Materji Oħra

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar it-Tnejn 1 ta' Ġunju 2009 ser jibdew ix-xogħolijiet tal-culvert fi Triq il-Kbira. Il-Kuntrattur Dimbros Ltd talab li l-Kunsill jipprovdi, għall-ispejjeż tal-Kunsill, is-servizz ta' żewġ gwardjani lokali kuljum sakemm isiru x-xogħolijiet (Ara Appendiċi 'D'.

6.02 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

6.03 Ġew ipprezentati l-kwotazzjonijiet biex isir il-manutenzjoni fil-Ġnien Dun Anton Sciberras. Dan Kif ġej:- Xogħol ta' dawl u ilma €271.40, parti mill-materjal €209.28, materjal mingħand l-Elektra €999.29. Inġibdet l-attenzjoni li hemm differenza ta' €101.62 bejn l-ewwel kwotazzjoni ta' l-Elektra u t-tieni waħda peress li m'għandomx l-arbli tad-dawl in stock. Dawn idumu minn tlieta sa erbgħa ġimgħat biex jaslu (Ara Appendiċi 'E').

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru x-xogħlijiet u li ssir l-ordni.

6.05 B'riferenza għal 'Administrative Cost' fl-applikazzjonijiet li qed isiru fir-rigward fondi ta' l-EU għandu jigi kkjarifikat ma' l-MP&DC kemm mill-ammont allokat ser ikun dovut lill-Kunsill għax-xogħol li qed jagħmel.

6.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi jekk dan l-ammont ma jkunx dovut kollu lill-Kunsill jsir ftehim ma' l-MP&DC biex il-Kunsill jieħu persentaġġ għax-xogħol li qed jagħmel.

6.07 B'riferenza għall-attivita' li ser issir Bay Street Complex fit-13 u l-14 ta' Ġunju 2009 ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Is-Sibt 13 ta' Ġunju isir wine tasting u jinxtraw tlett (3) trophies biex jigu ppreżentati lill parteċipanti;
- ✓ Jigi avviċinat is-Surmast tal-Banda sabiex jagħżel ammont ta' bandisti biex idoqqu fl-14 ta' Ġunju u jitħallas l-ammont ta' €466 għal dan is-servizz;

- ✓ Is-Sindku Peter Bonello jieħu ħsieb din l-attivita'.

6.08 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-laqgħa li kellha ssir ma' l-Onorevoli Dr. Mario De Marco ġiet posposta. Id-data ser tingħata aktar il-quddiem.

6.09 Ġie deċiż unanimament illi:-

- ✓ Is-Sindku jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-ADT sabiex jigi diskuss it-traffic management fi Triq Sir Joseph Carbone;
- ✓ Terġa tigi nstallata in-No Entry Sign fi Ġnien Saver Zarb (ħdejn il-Bring-in sites)

6.10 Ġie ssuġġerit illi fil-proġett tad-Dar għall-Anzjani, li fih ser jinkorpora diversi servizzi, jinkludi unit għaz-zgħazagħ b'eating disorders.

6.11 Il-Kunsillier Edgar Montanaro għamel riferenza għall inc. 1869/09 rigward memo 28/2009 – **Skemi dwar Enterprise Support Award u Green Challenge Award** u għarraf lill-Kunsill li kien ser jipprepara d-dokumenti meħtieġa biex il-Kunsill japplika għal dawn il-fondi.

6.12 Il-Kunsilliera Irene Borg ser torganizza ħarġa għal Għawdex fis-17 ta' Ġunju 2009, għal Jum il-Missier.

6.13 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |